MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2015

Appell Kriminali Numru. 413/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Daniel Lanzon**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Daniel Lanzon, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 567485(M), talli:

(1) fit-3 ta' Mejju 2009 bejn is-1.30 p.m. u 7.30 p.m. ġewwa l-fond [Sports Pavillion] sitwat fil-Qasam Industrijali Kordin, Raħal Ġdid, ikkommetta serq ta' madwar 430 Euros, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, lok u mezz u li sar għad-detriment ta' Aaronne Calleja minn Raħal Ġdid;

(2) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe` għamel ħsara fuq bibien tal-

fond bl-isem [Sports Pavillion] sitwat fil-Qasam Industrijali Kordin, Raħal Ġdid liema ħsara ma tiskorrix 116.47 Euros imma hi iżjed minn 23.29 Euros;

(3) ikkommetta reat li għalih hemm kontemplat piena ta’ priġunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiża, ai termini ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta datata 20 ta’ Diċembru 2007;

(4) b’hekki rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-27 ta’ Settembru 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 17, 261, 263, 267, 269, 278(3), 31 u 20 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imsemmi Daniel Lanzon ħati ta’ l-ewwel(1) u tar-raba’(4) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu tmintax-il (18) xahar priġunerija, iżda ddikjaratu mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u stante li s-sentenza ta’ l-20 ta’ Diċembru 2007 diġa` ġiet reża operattiva astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Daniel Lanzon ippreżentat fid-9 ta’ Ottubru 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ġie lliberat mit-tieni imputazzjoni u fejn astjeniet fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, izda tirrevokaha u tħassarha fejn sabitu ħati ta’ l-ewwel u r-raba’ imputazzjonijiet u tilliberah mill-konsegwenti piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; semgħet ix-xiehda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti:

> “1. Illi fl-ewwel lok, u bir-rispett kollu dovut, l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet l-apprezzament zbaljat tal-provi li gew prodotti stante li ma giex ippruvat b’certezza morali illi s-serqa twettqet mill-appellant. Illi tnehhi stqarrjia tal-appellant illi sussegwentement, l-appellant irripudja, il-prosekuzzjoni ma ressqat l-ebda prova konkreta dwar il-htija tal-appellant. Barra minn hekk, tali stqarrija nghatat minghajr ma l-appellant ma nghata xi ghajnuna legali qabel ma ttiehdet u ghaldaqstant, skond il-gurisprudenza, ma ghandha l-ebda valur probatorju.
>
> “Illi inoltre, il-prosekuzzjoni kull ma pproduciet kienu ritratti mehudin mis-CCTV camera (referenza ssir ghal ritratti BC2, BC3, BC4 u BC5 prodotti mill-istess prosekuzzjoni) illi juru illi persuna tidher diehla fl-istabbiliment fejn sehhet is-serqa imma dina l-persuna ma gietx identifikata posittivament bhala dik tal-appellant. Ronald sive Ronnie Calleja, illi huwa l-maniger tal-kumpless sportiv fejn twettqet is-serqa u illi kien l-ewwel persuna li kien ezamina s-CCTV

cameras, fix-xhieda tieghu fis-seduta tas-17 ta’ Gunju, 2011 ma gharafx posittivament l-akkuzat ghalkemm qal li hu ta’ statura simili.

Qorti: Din il-persuna li qed tghid li rajt, f’posizzjoni li taghrafha?

Xhud: L-istatura tixbah hafna lill-imputat pero’ bhala wicc ma nistax nghid.

“Certament, illi d-dubju illi esprima x-xhud primarju tal-prosekuzzjoni fir-rigward ghandu jopera a favur tal-akkuzat.

“Illi barra minn hekk, ma rrizultat l-ebda prova ohra illi tista’ tinkrimina lill-appellant bhall-impronti digitali fuq is-sit partikolari fejn sar ir-reat *de quo* u dana kif hareg mis-seduta tal-24 ta’ Mejju 2012 fix-xhieda ta’ PC 644 Evan Camilleri. Illi x’hin wiehed iqis illi l-appellant minkejja l-fedina penali tieghu m’huwiex kriminali professjonali imma ghandu problemi mentali illi gaghluh iwettaq atti kriminali illi sussegwentement mill-ewwel jirrikonoxxi u jammetti, il-fatt illi ma nstabux l-impronti digitali tieghu fuq is-sit tar-reat ghandu jinghata l-piz misthoqq.

“Illi wiehed irid jghid ukoll illi l-imsemmi *footage* fil-fatt ma jinkludix il-parti fejn propjament sehhet is-serqa. Illi l-logika ma tipprevedix illi wiehed jaqbad jissuponi kif ghamlet il-prosekuzzjoni illi meta jirrizulta mis-CCTV illi persuna partikolari dahlet f’post partikolari, f’liema post twettqet serqa, allura tali serqa twettqet minn tali persuna, dato se non concesso illi tali persuna kienet l-appellant. Tali presenza ta’ persuna tista’ tkun indizju ta’ htija illi jrid jigi korroborat minn evidenza konkreta imma l-prosekzzjoni fil-fatt ma pproduciet l-ebda xhieda illi tikkorrobora tali indizju u illi l-appellant irrileva l-flus mill post tas-serqa imma strahet fuq suppozizzjonijiet minhabba l-allegata prezenza tal-appellant fis-sit tas-serqa.

“Ghal dawn ir-ragunijiet, l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u ma setghetx b’certezza morali ssib lill-appellant hati tal-ewwel akkuza.

“2. Illi fit-tieni lok, l-ewwel akkuza hija specifika illi l-ammont ta’ flus li gie allegatament misruq mill-appellant huwa ta’ madwar erba’ mija u tletin ewro (€430). Imma l-anqas dan ma gie ppruvat b’certezza morali ghaliex l-imsemmi Ronald sive Ronnie Calleja fix-xhieda tieghu stqarr illi ‘Meta dhalt l-ufficju mill-kexxun tal-iskrivanija tieghu sibt flus ta’ madwar 300 u 400 nieqsin’. Ix-xhud ma kienx specifiku fix-xhieda tieghu u l-anqas iddefinixxa l-valuta tal-flus misruqa. Gjaladarba l-akkuza ma gietx abbozzata b’tali mod u manjiera illi kieku jirrizulta illi nsteraq ammont anqas minn €430, l-appellant xorta jinstab hati, u gjaladarba, l-unika xhud tal-prosekuzzjoni fir-rigward tal-quantum tal-ammont misruq illi bl-ebda mod ma gie kkorroborat minn xhieda ohra, ma kkonfermax illi l-ammont misruq kien ta’ €430, allura anke f’dan ir-rigward, l-ewwel akkuza ma gietx ippruvata.

“Illi fi kwalunkwe kaz, l-istess rapprezentant tal-entita` derubata irrinunzja ghall-azzjoni civili u ghamilha cara illi kieku kien ghalih, kien jirrinunzja ukoll ghall-azzjoni penali u dan il-fatt ukoll ghandu jinghata l-piz misthoqq.

"3. Illi fit-tielet lok, il-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija li nghatat fis-sentenza hawn appellata hija piena esageratament severa tenut kont tal-fatti kollha tal-kaz, kif ukoll il-quantum tal-ammont misruq u dana anke in vista tal-passat ferm difficli tal-appellant. Dana kif xehdet il-Probation Officer Marietta Lanzon fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2013 illi affermat illi l-appellant ghandu problema ta' sahha mentali u ghandu problemi anti-socjali minhabba t-trobbija tieghu. Minkejja l-eta` attwali tal-imputat ta' 28 sena, xorta l-effetti tat-trobbija jibqghu primarjament jiddefinixxu l-komportament tal-appellant."

**6.** Tajjeb hawn li fl-ewwel lok issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Abdilla et** mogħtija minn din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha fid-9 ta' Mejju 2013 fejn intqal:

**"8. Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi meta stqarrija tingħata minn suspettat mingħajr l-assistenza ta' avukat dan ma jissarrafx awtomatikament fi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq u konsegwentement fl-inammissibilita` awtomatika tagħha. Hekk, fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet *Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali*, fejn ġie deċiż li ma kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq fiċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ fejn ukoll l-imsemmi Muscat ma kellux assistenza legali, u wara li dik il-Qorti spjegat l-import tas-sentenzi relevanti tal-Qorti ta' Strasbourg, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet kif ġej:**

**"'14. Din il-qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarita`, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.**

**"'....**

**"'25. Partikolarment relevanti huwa dak li jingħad fil-bidu tal-para. 52 [fil-każ ta' Salduz vs It-Turkija]: "National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings"[1]. Ir-referenza hawnhekk hija għall-konsegwenza ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference") kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-**

[1] Ara wkoll Płonka v. Il-Polonja, para. 34.

**ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx. Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet.**

**"'26. Relevanti wkoll dak li jingħad fil-para. 54: "This right [to assistance by a lawyer] indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused". Fil-każ tallum ma saret ebda allegazzjoni ta' theddid, vjolenza jew abbuż.**

**"'27. Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa: 'Article 6 – especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions.[2]'**

**"'28. Naraw issa kif dawn il-prinċipji jolqtu l-każ tallum.**

**"'29. Fil-każ tallum l-attur kien raġel matur li ġa kien qiegħed jiskonta sentenza fil-faċilita` korrettiva meta kien interrogat: l-istqarrija għamilha fis-7 ta' Awissu 2002 u kien ilu l-ħabs mill-1994. Kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilita` hekk li faċilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni. Għalhekk, ma hemmx il-fattur li wassal għal sejbien ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każijiet ta' Il-Pulizija v. Esron Pullicino[3], fejn il-persuna interrogata kienet għadha minorenni, u ta' Il-Pulizija v. Alvin Privitera[4], fejn il-persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet it-tmintax-il sena.**

**"'30. F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il- Qorti Ewropeja fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[5]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was wellinformed"[6].**

**"'31. Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'liberta` sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-liberta` fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awtoinkriminazzjoni.**

**"'32. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tallum fit-2 ta' Diċembru 2010 – wara li kienet magħrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament.**

---

[2] Salduz v. it-Turkija, para. 50 (enfasi miżjud).
[3] Q. Kost. 12 ta' April 2011, rik. 63/2009.
[4] Q. Kost. 11 ta' April 2011, rik. 20/2009.
[5] Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.
[6] Para. 78.

**"'33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid igħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija ta' l-akkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, din il-qorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat.**

**"'34. Bħala garanzija addizzjonali, din il-qorti sejra tordna illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali sabiex il-paragrafu ta' qabel dan jinġieb għall-attenzjoni tal-ġudikanti tad-dritt u tal-fatt."**

**"9. Inoltre, sejra ssir referenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba mogħtija fit-2 ta' Mejju 2013 fir-rigward ta' aggravju simili għal dak odjern:**

**"'15. L-insenjament awtentiku u l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali f'din il-materja ġie riassunt fil-bran li ġej mis-sentenza tal-istess Qorti tas-26 ta' April 2013 fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v Martin Dimech fejn jingħad:**

**"'Din il-qorti ġa kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita` tal-persuna interrogata, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimita` meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'[7]**

**"'16. Fil-każ ta' llum din il-Qorti ma ġewx indikati lilha ebda ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita` fiż-żmien li l-appellant irrilaxxja l-istqarrija u x-xiehda in kwistjoni u li jistgħu jinduċu lil din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat meta ttieħdet l-istqarrija u ngħatat ix-xiehda, l-użu ta' dik l-istqarrija u xiehda fil-kors tal-ġuri twassal għal smigħ mhux xieraq fil-konfront tal-appellant. Ma rriżultat ebda ċirkostanza li tirrendi l-istess stqarrija u xiehda inammissibbli skont il-liġi.**

**"'17. Iċ-ċirkostanzi ta' l-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu l-istqarrija u x-xiehda, jifformaw parti mill-provi li se jinġiebu a konoxxenza ta' l-imħallfin tal-fatti. L-istess bħalma jifforma parti mill-provi dak li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u ċ-ċirkostanzi li fihom ikun qalhom (f'dar-rigward l-appellant ma ndika l-ebda xhud partikolari li qiegħed jilmenta dwaru). Difatti, bħal fil-każ ta' Muscat, l-appellant għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrijiet tiegħu; illi matul dan il-proċess huwa sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-ħtieġa li l-provi kollha, inkluża l-istqarrija u x-xiehda li ssemmiet, isir apprezzament tagħhom fl-assjem tagħhom meta jiddeċiedu dwar ħtija. L-imħallef saħansitra ċertament ser iwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrijiet jekk tinġieb xiehda li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Sta wkoll għall-imħallef togat biex jara x'kawteli jridu jittieħdu mill-imħallfin tal-fatti dwar xi diskors li l-**

[7] Ara wkoll Qorti Kostituzzjonali Joseph Bugeja v Avukat Ġenerali, 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011.

**appellant seta' qal lil xi xhieda u f'liema ċirkostanzi ntqal dak id-diskors. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud.'"**

**7.** Huwa inkontestat li fil-każ in eżami l-appellant ma kellux il-benefiċċju ta' l-assistenza legali meta ġie biex jirrilaxxja l-istqarrija. Pero` m'hemm l-ebda evidenza u lanqas ma ġie allegat li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid. L-appellant, li kellu 24 sena, ġie mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket. Fix-xiehda tiegħu l-appellant jgħid li kien imħawwad, li l-Ispettur Spiridione Zammit baqa' jinsisti miegħu biex huwa jgħid li s-serqa kien għamilha hu, u li talab li xi ħadd jassistieh peress li dak iż-żmien kien taħt kura psikjatrika. Jammetti, iżda, li meta ġie mistoqsi jekk kienx qed jifhem il-mistoqsijiet li kienu qegħdin isirulu, huwa wieġeb li kien qiegħed jifhem kollox. Jammetti wkoll illi meta ġie mistoqsi kif kien qiegħed iħossu, huwa wieġeb "tajjeb". Anke wara li din il-Qorti semgħet ix-xiehda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri, m'hemm l-ebda prova illi l-appellant ma setax ma kienx qiegħed jifhem dak li kien qiegħed jiġi mistoqsi. Fil-fatt, meta mistoqsi quddiem l-ewwel Qorti mid-difensur tiegħu: "Kont imħawwad x'jiġifieri?" l-appellant wieġeb li kien imħawwad "peress li bagħat għalija", u kien aktar 'il quddiem li semma li kien taħt kura psikjatrika. Jiġifieri dak li l-appellant kien qiegħed jagħmel bix-xiehda tiegħu kien li jipprova joħloq dubbju dwar l-attendibilita` ta' l-istqarrija tiegħu. Ma jistax ma jiġix notat ukoll li mill-fedina penali tiegħu jirriżulta, almenu *prima facie*, li l-appellant kien diġa` xilef dufrejh mal-ġustizzja diversi drabi u, min-natura ta' reati li tagħhom jidher li nstab ħati, kellu diġa` esperjenza ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija. Għalhekk l-istqarrija ta' l-appellant għandu jitqies ammissibbli bħala prova u sejjer jittieħed flimkien mal-provi l-oħra prodotti.

**8.** Dan il-każ jirrigwarda s-serq ta' somma flus mill-iSports Pavilion li jinsab fil-Qasam Industrijali ta' Kordin fit-3 ta' Mejju 2009 bejn is-1.30 p.m. u l-5.00 p.m. Ronald Calleja, *manager* tal-Kumpless, qal li sab "madwar 300 u 400 neqsin" mill-kexxun ta' l-iskrivanija tiegħu. Għalkemm ma jgħidx x'tip ta' denominazzjoni, huwa evidenti li si tratta ta' euro peress illi Malta kienet adottat l-euro fl-1 ta' Jannar 2008. L-istess Ronald Calleja qal li mar jara l-*footage* tal-cameras tas-CCTV tat-tennis club, u minnu dehret persuna dieħla fit-3.00 p.m. u ħierġa għall-ħabta tat-3.30 p.m. Il-*footage* ntwera lill-Pulizija u l-Ispettur Spiridione Zammit għaraf lill-appellant.

**9.** Fl-istqarrija tiegħu l-appellant ammetta li kien hu li daħal fl-iSports Pavilion u seraq is-somma ta' 300 euro. Apparti dan hemm il-*footage* tas-CCTV li juri lill-appellant. Ma jirriżultax li fil-ħinijiet imsemmija daħal xi ħadd ieħor fl-iSports Pavilion. In-nuqqas ta' impronti tas-swaba' ma tistax tittieħed bħala prova li l-appellant ma daħalx fil-post. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni biex tvarja l-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Qorti. Kwantu għas-

somma li nsterqet, l-appellant jgħid li seraq €300. Ronald Calleja jgħid illi ttieħdu bejn €300 u €400. Għalhekk qiegħed jiġi stabbilit li l-ammont li ġie ppruvat bla ebda dubbju li nsteraq huwa dak ta' €300.

**10.** L-appellant instab ħati ta' serq ikkwalifikat bil-valur, lok u mezz. Ta' min jgħid illi, ikkunsidrata n-natura tal-lok derubat, tali kwalifika ma kellhiex tiġi applikata.

**11.** Din il-Qorti inoltre ma tistax ma tqisx dak li xehed id-derubat li huwa ma kienx se jfittex lill-appellant għall-ħsara li saret u għall-ammont misruq. Inoltre trid tqis dak li xehed il-psikjatra Dr. Joseph Spiteri dwar il-kura li għandu bżonn l-appellant u li huwa qiegħed jingħata, **liema kura għandha tingħata fil-post adattat ġewwa l-Isptar Monte Carmeli**.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant Daniel Lanzon ħati talli fit-3 ta' Mejju 2009 bejn is-1.30 p.m. u 7.30 p.m. ġewwa l-fond [Sports Pavilion] sitwat fil-Qasam Industrijali Kordin, Raħal Ġdid, ikkommetta serq ta' madwar 430 Euros, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, lok u mezz u li sar għad-detriment ta' Aaronne Calleja minn Raħal Ġdid, u minflok issibu ħati talli fit-3 ta' Mejju 2009 bejn is-1.30 p.m. u l-5.00 p.m. ġewwa l-iSports Pavilion sitwat fil-Qasam Industrijali Kordin, Raħal Ġdid, ikkommetta serq ta' 300 Euros, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-mezz u li sar għad-detriment ta' Aaronne Calleja minn Raħal Ġdid; tirrevokaha in kwantu kkundannatu għall-piena ta' priġunerija ta' tmintax-il xahar u minflok tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' tnax-il xahar. Tordna li l-appellant jingħata l-kura psikjatrika meħtieġa taħt il-ħarsien tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri f'dak il-post li, skond l-imsemmi psikjatra, huwa l-aktar konduċiv għal tali kura, u li, fil-preżent, huwa l-Isptar Monte Carmeli. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------